MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 715/2004

**MIDDLE SEA INSURANCE PLC**
**kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assigurat taghha Saviour Meli u l-istess Saviour Meli**

**vs**

**ROMINA BUTTIGIEG u l-Avukat Dr. Mark Busuttil nominat b'digriet tal-1 ta' Frar 2005 sabiex jirrapprezenta lil Romina Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannat thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm296.75) rappresentanti danni sofferti mill-atturi f'incident stradali li sehh fl-20 ta' Marzu 2002 bejn il-vettura ROM111 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura BAT 515 misjuqa minn Alexia Meli u

proprjeta ta'l-attur Saviour Meli, ghal liema incident kienet unikament responsabbli l-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' zewg ittri ufficjali interpellatorji u ta''l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijeit ta' Malta u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Ra id-digriet ta'l-1 ta' Frar 2005, li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Mark Busuttil bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-konvenuta Romina Buttigieg, li hija assenti minn dawn il-gzejjer.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex l-konvenut nomine iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-konvenut nomine naqas u ma deherx la fis-seduta tal-25 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm296.75), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------